MALTA

ATT Nru. XXIV ta' l-1990

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, Kap. 70.

ACT No. XXIV of 1990

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Public Lotto Ordinance, Cap. 70.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

Is-26 ta' Ġunju, 1990

ATT Nru. XXIV ta' l-1990

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, Kap. 70.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "il-liġi prinċipali". Kap. 70.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 2, u ta' l-artikoli 3 u 5 ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u l-Ministru jista' hekk jistabbilixxi dati differenti għal żoni differenti ta' Malta, billi jindika ż-żoni u n-numri ta' kull banka tal-lottu li dwarhom id-dati tal-bidu fis-seħħ ta' l-artikoli msemmija għandhom japplikaw;

(b) id-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha għandhom jibdew iseħħu hekk kif dan l-Att jiġi ppubblikat fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 5 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 5 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (i) tiegħu —

(i) fil-paragrafu (f), il-kliem "u meta l-kopji duplikati u triplikati tal-biljetti għandhom jiġu ddepożitati" għandhom jitħassru;

(ii) minflok il-paragrafu (ħ) għandu jidħol dan li ġej:

"(ħ) Kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam mat-treġija tal-lottu pubbliku, magħduda kull ħaġa li l-Ministru jista' jqis li tkun meħtieġa jew spedjenti li jirregola b'konsegwenza ta' l-introduzzjoni ta' sistema ta' *computer* fil-lottu pubbliku;"; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (ħ) għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(i) dak kollu li jista' jew li għandu jiġi stabbilit.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) l-artikolu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala artikolu mingħajr subartikoli.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

3. Minflok l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Depożitu ta' *computer discs*

7.(1) Il-*computer discs* li fuqhom ikun jinsab it-tagħrif dwar il-ġugati għandhom jiġu konsenjati mir-riċevituri qabel l-estrazzjoni f'dak l-imkien fil-preżenza ta' dawk l-uffiċjali u bit-teħid ta' dawk il-miżuri ta' sigurezza li jiġu stabbiliti.

(2) Jekk għal xi raġuni li tkun il-*computer discs* ma jiġux konsenjati skond kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew jekk l-istess jiġu konsenjati fi stat difettuż, il-ġugati reġistrati fuqhom għandhom jitqiesu bħala li ma jiswewx, u l-ġugatur ikollu jedd għal rimborz ta' l-ammont milgħub mal-konsenja tal-biljett.".

Emenda ta' l-artikolu 9 tal-liġi prinċipali.

4. L-artikolu 9 tal-liġi prinċipali għandu jkollu seħħ salv iż-żieda miegħu ta' dan il-proviso li ġej:

"Iżda jekk l-aħħar jum ta' perijodu li fih tista' ssir talba jaħbat il-Ħadd jew vaganza pubblika, il-perijodu għandu jittawwal sa l-ewwel ġurnata tax-xogħol li tiġi minnufih wara.".

Emenda ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.

5. L-artikolu 10 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) jekk ma jkunx jaqbel fl-aspetti kollha mar-reġistrazzjonijiet maħżuna fil-*computer* hekk kif jista' jiġi stabbilit : " ; u

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 11 tal-liġi prinċipali.

6. Fl-artikolu 11 tal-liġi prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (ii) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(12) Fil-każ li xi premju f'lotterija jew f'tombla pubblika ma jingħatax għal xi raġuni tkun li tkun, jew li jibqa' mhux mitlub sa żmien xahar wara d-data tat-tlugħ, il-valur ta' dak il-premju għandu

jitħallas lid-Direttur tal-Lottu Pubbliku fi żmien xahrejn mid-data tat-tlugħ, u jiġi akkreditat f'kont li jkun magħruf bħala "Fond ta' Premjijiet ta' Lotteriji u Tombli Pubbliċi Mhux Mitlubin"; u kull bilanċ ta' kreditu fil-fond, jew sehem minnu, għandu jitqassam lil organizzazzjonijiet filantropiċi jew tal-karità jew jingħataw għal għanijiet oħrajn li jistħoqqilhom l-għajnuna, jew jiġu trasferiti fil-Fond Konsolidat, hekk kif il-Ministru jista' jordna minn żmien għal żmien."

Emenda ta' l-artikoli 12, 13, 14, 15 u 21 tal-liġi prinċipali.

7. Dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-liġi prinċipali għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12, minflok il-kliem "ħamsin" u "mitejn" għandhom jidħlu n-numri "elf" u "ħamest elef" rispettivament, u minflok il-kliem "xahar sa sitt xhur" għandhom jidħlu l-kliem "sitt xhur sa tnax-il xahar";

(b) fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 12, minflok il-kliem "ħames liri" u "għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament;

(ċ) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13, minflok il-kliem "għoxrin" u "ħamsin", għandhom jidħlu l-kliem "elf" u "ħamest elef" rispettivament, u minflok il-kliem "xahar sa tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "sitt xhur sa tnax-il xahar";

(d) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14, minflok il-kliem "ħames liri" u "għoxrin lira", għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament;

(e) fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 14, minflok il-kliem "żewġ liri" u "għaxar liri", għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament;

(f) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15, minflok il-kliem "ħamsin" u "mitejn", għandhom jidħlu l-kliem "elf" u "ħamest elef" rispettivament, u minflok il-kliem "xahar sa tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "sitt xhur sa tnax-il xahar";

(ġ) fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 15, minflok il-kliem "ħames liri" u "għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament;

(h) fl-artikolu 21, minflok il-kliem "sitt liri" u "għoxrin lira", għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

8. L-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jkollu seħħ salv iż-żieda miegħu, minnufih wara l-proviso għas-subartikolu (2) tiegħu, ta' dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-Ministru jista' jagħmel dawk il-kontribuzzjonijiet jew ħlasijiet oħra mill-Fond tal-Lottu Pubbliku li jidħrulu xierqa sabiex igħin lil dawk l-għaqdiet jew organizzazzjonijiet, jew għanijiet oħrajn li jistħoqqilhom l-għajnuna, hekk kif jista' jiġi stabbilit.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 388 tad-19 ta' Ġunju, 1990.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati